MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 34/2007

Joseph Buttigieg

vs

Registratur tal-Artijiet,

Francis Buttigieg.

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta illi:

1. Illi sa mill-elf disa' mija u tnejn u erbgħin (1942) l-attur kellu fil-pussess tiegħu biċċa raba' msejjaħ 'Ta' Cassar' jew 'Ta' fuq il-Wileġ' fil-limiti tal-Qala, Għawdex tal-kejl ta' ċirka elf mitejn u tmienja u sebgħin metri kwadri (1278m.k.) u konfinanti nofsinhar ma' Daleland Street, Lvant ma' beni ta' Antonio Camilleri,

Punent ma' beni ta' Guzepp Camilleri u Toni Mizzi u Tramuntana ma' beni oħra tal-istess Joseph Buttigieg kif delinjata fil-pjanta annessa Dok A;

2. Illi l-attur feda l-piż ta' ċens perpetwu li kien hemm fuq l-imsemmi raba' fis-sbatax (17) ta' Lulju tal-elf disa' mija u wieħed u disgħin u ħallas is-somma ta' għoxrin lira Maltija u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm20.87c) lill-Kurja ta' Għawdex kif jidher mid-Dok B u Dok C hawn annessi;

3. Illi l-konvenut Francis Buttigieg irreġistra parti mill-istess raba msemmi hawn fuq f'ismu fir-Reġistru tal-Artijiet permezz tal-applikazzjoni LRA 500/05, liema parti hija mmarkata bil-kulur aħmar fuq l-istess Dok A;

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-attur bħala proprjetarju tal-porzjon raba kollu msemmi hawn fuq tal-kejl ta' ċirka 1278 m.k.;

2. Tordna lir-Reġistratur ta' l-Artijiet sabiex jagħmel il-korrezzjoni relattiva għar-rigward tal-applikazzjoni LRA 500/05, b'mod li l-art imsemmija fl-istess applikazzjoni tkun tidher bhala proprjeta' tal-attur;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Francis Buttigieg li eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur in kwantu jirrigwarda l-porzjon art delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta dokument A annessa maċ-ċitazzjoni, għaliex dik il-parti mill-art, illi fiha kejl ta' madwar mija u ħamsa u sittin metri kwadri (165m.k.) ma hijiex u qatt ma kienet proprjeta' tal-attur u kienet minn dejjem fil-pussess esklussiv tal-eċċipjenti;

2. Illi l-kontenut tal-ewwel paragrafu tar-rikors promotur mhux korrett in kwantu l-attur qatt ma kien fil-pussess ta' 1278m.k. – elf mitejn u tmienja u sebgħin metri kwadri – ta' art, bensi ta' elf mija u tlettax-il metru kwadru (1113m.k.) biss;

3. Illi anke t-tieni paragrafu mhux korrett in kwantu l-attur ma fediex ċens perpetwu, bensi' piż piju u perpetwu fuq din l-art; u l-fatt minnu nnifsu illi bniedem jifdi piż piju u fuq il-pjanta relattiva jindika art akbar milli fil-fatt tappartjeni lilu ma jfissirx, waħdu, illi dik l-art akbar saret proprjeta' ta' min ikun qiegħed jifdi;

4. Illi l-esponenti vera rreġistra l-parti markata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta Dokument A bħala tiegħu. Dan għaliex dik l-art kienet tappartjeni lilu, u dan ġie rikonoxxut mill-attur odjern wara laqghat illi nżammu appożitament bejnu u bejn l-esponenti fl-uffiċju tal-avukat sottoskritt – tant illi wara dawk il-laqgħat l-attur odjern innifsu kien preżenta applikazzjoni (LRA 458/05) sabiex jikkoreġi l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-art tiegħu (illi kienet iġġib ir-referenza LRAG449/96) fejn irrikonoxxa illi l-art illi llum qiegħed jippretendi illi kienet tiegħu effettivament ma kinitx tiegħu;

5. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Reġistratur tal-Artijiet li eċċepixxa illi:

1. Preliminarjament, trid issir notifika lill-Avukat Generali;

2. Illi jekk l-attur qiegħed jibbaża t-titolu tiegħu fuq titolu, it-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur u dan peress illi l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu unikament fuq il-fatt illi huwa feda piż piju (li issa fir-rikors ġie msejjaħ piż ta' ċens perpetwu). Illi skont dokumenti annessi dan it-territorju ġej għand il-kontendenti ad eċċezzjoni tal-esponenti, mill-wirt ta' Frangisku u Katerina Attard, skont testment pubblikat min-

Nutar Franceso Calleja datat erbgħa u għoxrin ta' Settembru elf tmien mija u ħamsin u ieħor pubblikat mill-istess Nutar fil-wieħed u tletin ta' Jannar elf tmien mija u sitta u sebgħin. Biex isostni l-allegazzjoni tiegħu, l-attur irid jipprova kif din l-art intirtet minnu waħdu. Mhux suffiċjenti illi jġib prova illi feda piż kostitwit mill-istess testaturi;

3. Illi jekk l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu fuq il-pussess huwa evidenti illi l-art tal-kejl ta' 165 metri kwadri ma hix fil-pussess tiegħu, u dan anki skont affidavit tal-attur fejn stqarr illi hemm parti illi hija okkupata minn terzi. Il-kontenut tal-ewwel paragrafu tar-rikors promotur mhux korrett in kwantu l-attur qatt ma kien fil-pussess ta' elf mitejn u tmienja u sebgħin metri kwadri (1278m.k.) ta' art, bensi ta' elf mija u tlettax-il metru kwadru (1113m.k.) biss; Hemm dubbji serji jekk il-pussess kienx uti dominus u paċifiku, jew sempliċiment detenzjoni, u dan peress illi l-attur stess bid-dokumenti preżentati ddikjara l-provenjenza ta' din l-art. Jekk jirriżulta illi hemm diversi werrieta, u li qatt ma saret id-diviżjoni tal-assi ereditarji, allura lanqas l-art reġistrata fuq ismu ma tappartjeni lilu b'titolu ta' pussess uti dominus. Il-kontradizzjoni bejn affidavit u ieħor preżentati lir-Reġistru tal-Artijiet tikkonferma illi lanqas l-attur stess ma jaf x'inhu jippretendi;

4. illi ma tistax issir reġistrazzjoni ta' art jekk individwu ma għandux titolu, jew inkella jew individwu ma jiddikjarax illi għandu pussess u akkwista bi preskrizzjoni;

5. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat il-verbal tagħha tad-19 ta' April 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu l-konvenut Reġistratur ta' l-Artijiet jgħid li qabel xejn kellu jiġi notifikat l-Avukat Generali wkoll. Dan l-ostakolu ġie superat bin-notifika li saret lill-istess Avukat Generali, kif jidher mir-riferta pożittiva li ġġib id-data tad-19 ta' Novmbru 2007.[1]

Fil-mertu mbagħad, filwaqt illi r-Reġistratur tal-Artijiet iqajjem dubbju serju dwar kemm tassew l-attur jista' jkollu raġun fil-pretensjoni tiegħu li l-art tiegħu ndikata fir-Rikors Ġuramentat tista' tikkomprendi wkoll il-parti kkontestata pposeduta mill-konvenut l-ieħor Francis Buttigieg, minħabba dikjarazzjonijiet konfliġġenti mill-istess attur fl-applikazzjoni tiegħu biex jirreġistra biċċa art limiti tal-Qala, Għawdex, bħala tiegħu, l-istess konvenut Francis Buttigieg jiċħad għal kollox din il-pretensjoni, u jsostni anzi li l-parti kontestata hija proprjeta' tiegħu u ġiet għandu bis-saħħa tal-preskrizzjoni.

Hawnhekk għandha għalhekk kawza ta' rivendikazzjoni, fejn l-attur qed jittenta jikseb konferma li l-art ipposseduta mill-konvenut Buttigieg u li ġiet reġistrata mal-konvenut l-ieħor ir-Reġistratur tal-Artijiet bħala li tappartjeni lilu, hija fir-realta' proprjeta' tal-attur, u għalhekk għandha ssir id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikati relattivi mir-Reġistratur ta' l-Artijiet. Dwar l-azzjoni rivendikatorja l-**Pacifici Mazzoni** jispjega illi:

"*La proprieta'… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria…. L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni*

[1] A fol. 31 tergo tal-process .

*sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta', che e' il fondamento della sua azione. Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario. Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii:* **actore non probante, reus absolvitur; in pari causa,melior est conditio possidentis***…. La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau*, che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* **probatio diabolica***. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

*1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta', consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo* sia anteriore al possesso del reo convenuto….

*2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi…..*

*3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de'*

*luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

*Del resto la prova della propreta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*

*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[2]

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-Qrati tagħna jispjegaw illi:

"…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX. II. 488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez. XXXII. I. 282; XXXIII. II. 266; XXXV. I. 518; XXXVII. I. 105*;"[3]

Hekk ukoll ingħad illi:

---

[2] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884 ; vol. III. # 131 - 134, p. 207et seq .
[3] Appell Civili : Giuseppe Buhagiar v.Giuzeppi Borg : 17.11.1958 ; Kollez. vol. XLII. pt. I. p. 575 .

"*Rekwiżiti ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-haga akkwistata legittimament u li* ***l-konvenut ikun qed jippossediha.***

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteggjament difenzjonali prexelt mill-konvenut;in quanto jekk hu jeccepixxi li hu ghandu titolu fuq il-haga rivendikata aktar mill-attur, il-piz tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilhaqx din il-prova jissokombi fl-eccezzjoni tieghu; jekk ghall-kuntrarju huwa jittrincjarja ruhu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tieghu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, izda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, ghandu jissuccedi fl-eccezzjoni tieghu.*[4]

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:

Fit-30 ta' Jannar 1996 l-attur applika l-ewwel darba mar-Registratur tal-Artijiet ghar-registrazzjoni ta' bicca art maghrufa "ta' Cassar" sive "Ta' Fuq il-Wileg" limiti tal-Qala, bħala proprjeta' tiegħu (applikazzjoni nru. LRAG 449/1996). Billi kien hemm diversi diskrepanzi f'din l-applikazzjoni,[5] fosthom il-kejl dikjarat u dak muri fuq il-pjanta, u l-provenjenza dikjarata fl-affidavit anness mal-istess applikazzjoni[6] u d-dokumenti esebiti, din l-appikazzjoni ma ġietx aċċettata u r-Reġistratur bagħat għall-attur sabiex jagħmel id-debiti kjarifiki. Fis-sena 2005 l-attur daħħal applikazzjoni korrettorja, fejn iddikjara li kien qed jirrinunzja għall-pretensjoni fuq biċċa art tkejjel 165 metri kwadri,[7] li kienet okkupata minn terzi (b'referenza għall-konvenut Francis Buttigieg), saru l-kjarifiki meħtieġa permezz ta' affidavit ieħor, u ġiet reġistrata a favur tiegħu l-parti minnu okkupata. Ftit wara l-konvenut Francis Buttigieg daħħal wkoll applikazzjoni biex jirreġistra f'ismu l-parti li l-attur kien irrinunzja għaliha, u ddikjara li din kienet ġiet għandu bil-preskrizzjoni trentennali mill-wirt ta'

[4] Giuseppi Abela vs John Zammit : P.A. 16.5.1963 .
[5] ara kopja a fol. 22 .
[6] ara kopja a fol. 60 .
[7] ara l-parti bordurata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta Dok. A annessa mar-Rikors guramentat a fol. 5 tal-process, u kopja ta' l-affidavit tas-7.03.05 a fol. 61 .

missieru Carmelo Buttigieg (hu l-attur). Din l-applikazjoni (LRAG 5/05) ġiet aċċettata u hija proprju dik li dwarha qed tintalab il-korrezzjoni permezz tal-kawża preżenti.[8]

A bażi tal-prinċipji stabbiliti hawn fuq, sew fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, ġialadarba l-konvenut, kif jirriżulta mir-Risposta ġuramentata tiegħu, mhux qed jistrieh biss fuq is-sempliċi **pussess**, imma jallega wkoll li l-art kontestata ta' 165 m.k. hija **proprjeta'** tiegħu, jinkombi fuqu fl-ewwel stadju biex jipprova t-titolu tiegħu fuq din l-art. F'każ li jirnexxi, il-Qorti tgħaddi biex teżamina x'titolu l-attur jippretendi li għandu fuq l-istess proprjeta', imbagħad tiddeċidi min mill-kontendenti għandu l-aħjar titolu.

Il-konvenut Francis Buttigieg[9] spjega kif in-nannu tiegħu kellu diversi artijiet fl-inħawi "ta' Cassar" sive " ta' Fuq il-Wileġ" , limiti tal-Qala,[10] li nqasmu bejn is-seba' wliedu in segwitu għall-mewt tiegħu. Uħud mill-għelieqi inqasmu permezz ta' żewġ kuntratti ta' diviżjoni,[11] mentri oħrajn għal xi raġuni li qatt ma ġiet spjegata, inqasmu biss bil-kelma għall-ħabta tas-snin 1945/1946. L-attur biż-żmien spiċċa ħa f'idejh ukoll l-għelieqi li kienu messew liz-zijiet b'dan il-mod,[12] mentri l-parti li messet lill-missieru Karmenu (dik in kontestazzjoni) baqgħet dejjem f'idejh, u in segwitu għall-mewt tiegħu, f'idejn l-armla tiegħu, imbagħad f'idejh.[13] Għal ħafna snin huwa kien iħallas lil zijuh, l-attur preżenti, sehmu minn piż ta' quddies li kien hemm impost fuq dan it-territorju. Meta fis-sena 2005 ġie biex jirreġistra din il-parti ta' 165 metri kwadri fuq ismu mar-Reġistratur tal-Artijiet, iddikjara li l-istess biċċa art kienet saret tiegħu bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali, u din, kif ġia rajna, ġiet aċċettata.

Minn naħa l-oħra l-attur jippretendi li llum huwa uniku sid tal-artijiet imsemmija li dwarhom ma hemmx kuntratti għal

---

[8] ara affidavit ta' Dr. Marlin Vella , Dok. RA 1 a fol. 136 - 139 .
[9] ara affidavit tieghu Dok. FB a fol.70 - 72 .
[10] ara pjanta Dok. FB 1 a fol. 73 .
[11] dawk ikkuluriti bil-blu fuq il-pjanta Dok. FB 1 a fol. 73; ara kuntratti ta' l-20.12.1952 u 24.09.1963 atti Nutar Dr. G. Cauchi , Dokti FB 32 u 33 a fol. 106 - 13 .
[12] dawk ikkuluriti bl-ahmar fuq il-pjanta Dok. FB1 .
[13] dik immarkata bl-ahdar fuq l-istess pjanta .

diversi raġunijiet. Jgħid fl-ewwel lok illi f'xi żmien qabel ma miet missieru, u preċiżament fis-sena 1942 dan kien ftiehem mal-Kurja fejn kien jitħallas il-piż piju li kien jaggrava dan it-territorju, sabiex dan jibda jitħallas minnu,[14] kif fil-fatt baqa' jsir sa ma l-attur fdieh fis-sena 1991.[15] Huwa erronjament jippretendi illi in segwitu għal dan il-fidi, dan it-territorju sar tiegħu bi proprjeta'. Jgħid ukoll illi l-fatt li huwa biss kien iħallas il-parti miċ-ċens gravanti l-istess art lill-Gvern bħala suċċessur tas-soppressa Universita', jkompli jsaħħaħ it-teżi tiegħu li din l-art hija tiegħu biss. Huwa minnu li Salvu Curmi li jiġbor dan iċ-ċens mingħand id-diversi sidien fl-inħawi, ikkonferma li fuq din l-art kien iħallas biss l-attur,[16] imma sew il-fidi, kif ukoll il-ħlas ta' dan iċ-ċens ma jistgħu jkunu ta' ebda riljev għall-attur, kemm-il darba huwa ma jiġix ippruvat ukoll li kellu l-pussess tar-raba' kollu li tiegħu qed jippretendi l-proprjeta' għaż-żmien kollu rikjest mill-liġi sabiex, fin-nuqqas ta' titolu ieħor, ikun jista' jakkwista bil-preskrizzjoni. Madankollu l-attur stess jirrikonoxxi li l-parti kontestata mhix okkupata minnu u tinsab u ilha żmien konsiderevoli fil-pussess tal-konvenut. Dan wara kollox għamlu permezz tal-affidavit ġia msemmi kkonfermat bil-ġurament tiegħu quddiem in-Nutar Paul G.Pisani fl-2005. Ġie suġġerit li l-ħlas li l-konvenut kien jagħmel ta' kull sena lill-attur kien in konsiderazzjoni ta' xi qbiela li l-attur kien ikkonċedielu xi żmien qabel tal-art in kontestazzjoni, u mhux bħala sehemu mill-piż ta' quddies li kien jaggrava l-istess art. Imma dwar din l-allegazzjoni baqgħu qatt ma nġiebu ebda provi sodisfaċenti. Jirriżulta għalhekk li l-attur baqa' ma ġab ebda prova ta' titolu dwar il-biċċa art tal-kejl ta' mija ħamsa u sittin metru kwadru (165m.k.) ipposseduta mill-konvenut Francis Buttigieg, li huwa jippretendi li għandha tiġi nkluża mal-kumplament tal-art li għandu fl-inħawi "Ta' Cassar" sive "Ta' Fuq il-Wileg" limiti tal-Qala. Konsegwentement wisq inqas jista' jkollu xi titolu aħjar minn dak tal-konvenut Francis Buttigieg fuq l-istess porzjon.

---

[14] ara Dok. C a fol. 7 .
[15] Dok. B a fol. 6 .
[16] ara deposizzjoni tieghu a fol. 265 – 274 .

Għaldaqstant, f'tali ċirkostanzi fejn l-attur ma rnexxilux jipprova fil-grad ta' ċertezza rikjest mill-liġi fil-kamp ċivili, li għandu titolu tajjeb ta' proprjeta' fuq l-art in kwistjoni, l-ewwel talba tiegħu ma tistax tirnexxi, u konsegwentement lanqas it-tieni talba, li setgħet tintlaqa' biss f'każ ta' eżitu pożittiv fl-ewwel talba.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża, billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fuq il-mertu, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------